

Brussell, 24 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0062(NLE)

---

---

7272/25  
ADD 1

UK 33  
TELECOM 90  
MI 168  
COMPET 185

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 118 final
Suġġett:	ANNESSTal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 118 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 118 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.3.2025  
COM(2025) 118 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat  
Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-  
Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika  
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-  
Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

## ANNES

ID-DEĊIŻJONI NRU [...] /2025 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' ...

li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

II-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>1</sup> ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b' mod partikolari l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Kumitat Konġunt") biex jadotta deċiżjonijiet li jżidu atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor.
- (2) Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (3) L-Artikoli 103-107 u 109 tar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jstabbilixxu regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemendaw r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)<sup>3</sup> huma applikabbli skont l-Artikolu 13(3) tal-Qafas ta'

<sup>1</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, ELI: [http://data.europa.eu/eli/treaty/withd\\_2020/sign](http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign)

<sup>2</sup> Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, [ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](http://data.europa.eu/eli/reg/2023/174).

<sup>3</sup> ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj>.

Windsor. Il-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, dment li jkun fihom kundizzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti jew ikunu relatati mal-forniment ta' servizzi li jistgħu jaffettwaw il-moviment liberu tal-prodotti, u bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 102, 108 u 110 tiegħu, huma dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)<sup>4</sup>, fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti, u għat-tqegħid tagħhom fis-servizz sa fejn huwa kkonċernat il-moviment liberu tal-prodotti, u bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 102, 108 u 110, għandu jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor taħt il-punt 47 "Oħrajn".

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kopresidenti

---

<sup>4</sup> ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj>.